MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 474/2002/1

**George u Maria Carmela sive Marlene konjugi Mifsud, Berenice Mifsud u Jerome Mifsud**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur George Mifsud, il-kunjom tieghu huwa ndikat bhala Mifsud, meta huwa maghruf bil-kunjom Mifsud Chircop, kif jirrizulta mill-karta

ta’ l-identita` tieghu kif ukoll mill-passaport tieghu (Dok. A u B);

Illi konsegwentement anke fic-certifikat taz-zwieg ta’ l-atturi konjugi Mifsud, il-kunjom huwa indikat biss bhala Mifsud, meta dawn huma wkoll maghrufa bhala Mifsud Chircop;

Illi konsegwentement anke fic-certifikat tat-twelid ta’ ulied il-konjugi Mifsud, u cjoe` Berenice u Gerome, lkoll maggorenni, il-kunjom huwa indikat bhala Mifsud;

Illi ghalkemm ir-relattivi Atti tat-twelid ta’ l-atturi u c-certifikat taz-zwieg tal-konjugi Mifsud jindikaw lill-istess bhala Mifsud, l-atturi huma lkoll maghrufa bil-kunjom Mifsud Chircop;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara li l-kunjom ta’ l-attur huwa ‘Mifsud Chicop’ u mhux ‘Mifsud’;

(2) Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-twelid ta’ l-atturi George Mifsud, Berenice Mifsud u Jerome Mifsud, fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm indikat il-kunjom ta’ l-atturi, jizdied il-kunjom ‘Chircop’ wara l-kunjom ‘Mifsud.’

(3) Tordna li ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-Att taz-zwieg ta’ l-atturi konjugi Mifsud, fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm indikat il-kunjom ta’ l-atturi, jizdied il-kunjom ‘Chircop’ wara l-kunjom ‘Mifsud’.

(4) Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher kunjom ta’ l-attur fis-sens illi kull fejn il-kunjom ta’ l-attur huwa ndikat bhala ‘Mifsud’, jizdied il-kunjom ‘Chircop’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku a. fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili jaghti dritt lill-attur George Mifsud biex igib il-kunjom ‘Mifsud Chircop’ peress illi l-kunjom patern tieghu huwa ‘Mifsud’ u l-kunjom matem huwa ‘Chircop’ izda ma jaghtix d-dritt lill-attur biex jikkoregi l-att tat-twelid numru 5225 tas-sena 1951, li huwa dokument li jirregistra fatt storiku f’liema att juri l-kunjom tal-missier bhala ‘Mifsud’ u l-kunjom ta’ l-omm bhala ‘Chircop’. Diment li dak il-fatt storiku gie registrat korrettement kif jidher li gie f’dan il-kaz, ma hemm ebda fondament guridiku ghall-kawza ta’ korrezzjoni ta’ l-atti ta’ l-istat civili tieghu.

(2) In kwantu ghat-talba ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid tat-tfal Berenice (Att tat-Twelid numru 3525 tas-sena 1977) u Jerome (Att tat-Twelid numru 2557 tas-sena 1979) Mifsud u ta’ l-att taz-zwieg tal-konjugi Mifsud (Att tat-Tweid numru 1764 tas-sena 1975), jekk jigi pruvat illi l-attur George Mifsud kien fi zmien relattiv juza l-kunjom ‘Mifsud Chircop’ l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba ta’ l-attur fis-sens, illi l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta’ Berenice u Jerome Mifsud, il-kunjom tal-missier ghandu jaqra ‘Mifsud Chircop’ u fl-att taz-zwieg tal-konjugi Mifsud il-kunjom tar-ragel ghandu jaqra ‘George Mifsud Chircop’.

(3) Illi in vista tac-cirkostanzi li taw lok ghal din il-kawza l-esponent m’ghandux ibati l-ispejjez.

(4) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ tletin jum u l-kawza

giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Frar, 2003 u tat-18 ta’ Frar, 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-23 ta’ Dicembru, 2003 li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess flimkien ma’ diversi dokumenti (Dok. GM2 sa GM18)

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tat-3 ta’ Jannar, tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha irrizerva d-dritt tal-kontro-ezami ta’ l-affidavit ta’ l-attur.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

**L-attur George Mifsud** fl-affidavit tieghu jghid:

*“Illi l-bidla minn ‘Mifsud’ ghal ‘Mifsud Chircop’ kibret mieghi sa minn tfuliti mill-Iskola Primarja fil-Hamsinijiet u l-bidu tas-Sittinijiet Hal Qormi: minhabba li l-isem George huwa tipiku u komuni ghal Hal Qormi u kull familja dak iz-zmien kienet issemmi lil xi wiehed mit-tfal u gieli wkoll anke t-tifel u t-tifla ghal San Gorg, u minhabba li anke l-kunjom Mifsud kien u ghadu frekwenti fl-istess rahal, l-ghalliema tieghi minn kmieni kienu qed isibuha difficli biex jaghzlu bejn l-istudenti li jkollhom dan l-isem u l-kunjom. Minn kmieni bdew ibassru wkoll x’seta’ jinqaghalhom ‘il quddiem l-istudenti bhali fil-hajja ta’ kuljum u jekk ikomplu bl-iskola fis-Sekondarja u l-Post Sekondarja, l-aktar fl-ezamijiet pubblici ta’ Malta u ta’ barra. Illum napprezza hafna din l-intwizzjoni taghhom ghax helsu lili u lill-membri tal-familja tieghi minn hafna problemi*

*Illi minbarra hekk, iz-ziju tieghi, hu missieri, illum mejjet, hekk kien jismu, ‘George Mifsud’. Kuginuwi stess min-naha ta’ missieri u li huwa tampari, bhali jismu, “George*

*Mifsud". Sa ma zzewwigt u ksibt l-ewwel grad universitarju, jiena kont noqghod fil-fond numru 144, Triq Pinto, Hal Qormi u dan kuginuwi bl-istess isem u kunjom kien u ghadu joqghod bieb ma' bieb maghna, u cjoe` numru 143, Triq Pinto, Hal Qormi. Biex tkompli izzid, fil-klassi tieghi fil-Primarja u fil-klassi tad-duttrina fis-Socjeta' tal-MUSEUM fejn kont nattendi mill-eta' ta' qabel il-Grizma sa zghoziti, kien hemm zewg studenti ohra, wiehed min-naha talHammieri, Hal Qormi u l-iehor min-naha ta' San Frangisk, Hal Qormi, li kellhom dan l-istess isem u kunjom bhali, ghalkemm ma konniex nigu minn xulxin u lanqas ma konna mhalltin biz-zwieg, il-konfuzjoni bejnietna t-tfal kienet kbira.*

*Ghahekk, l-ghalliem taghna ta' l-Iskola Primarja ta' San Gorg, is-Sur Vincent Farrugia, bl-approvazzjoni tas-Surmast ta' l-istess skola, fl-1962 iddecida li kunjomi jinbidel f''Mifsud Chircop'. 'Mifsud' minn naha ta' missieri Salvu Mifsud, u 'Chircop' min-naha ta' ommi Guditta, imwielda Chircop, biex ma jkollniex aktar konfuzjonijiet fd-dokumenti ufficjali ta' l-iskola, bhal marki ta' l-iskola u r-rizultati ta' l-ezamijiet. Hawnhekk nixtieq nghid illi l-istudent l-iehor, b' l-istess sistema sar Mifsud Baldacchino.*

*Illi fir-registri ta' l-iskola, ismi sar 'George Mifsud Chircop'. Minn dak iz-zmien sal-llum il-korrispondenza, ir-rizultati kollha tal-iskola, ta' l-ezamijiet pubblici kollha li ghamilt, u c-certifkati kollha ta' l-lskola Primarja, tas-Sekondarja, fil-Kullegg San Alwigi, u ta' l-Universita' ghall-ewwel grad tal-Bacellerat ta' l-Arti bl-Unuri (1972), tat-tieni grad tal-Magisteru ta' l-Arti (1978), tad-diploma tal-Kors ghall-Post Gradwati fl-Edukazzjoni (1989) u tat-tielet grad tad-Dottorat (2001), dejjem inharguli fuq 'Mifsud Chircop' u qatt 'Mifsud'.*

*Illi dan jghodd ukoll ghad-dokumenti kollha li ghandi bhala ghalliem mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u minn ohrajn fil-livell Sekondarju u fil-livell PostSekondarju fil-Kullegg San Alwigi, fl-Iskola Sekondarja Oghla Giovanni Curmi, u fil-Liceo l-Gdid G.F. Abela, u bhala lecturer fil-Kullegg*

*Universitarju u mal-Fakulta' ta' l-Arti u l-Istut Mediterranju fl-Universita' mill-1972 sal-llum.*

*Tul iI-karriera akkademika tieghi u li matulha dejjem kont u ghadni maghruf bhala 'George Mifsud Chircop' jiena hadt l-istat tieghi u zzewigt lil Maria Carmela mwielda Said mill-Mosta fl-1975 u kunjomha baqa' 'Mifsud Chircop' anki ta' wliedna Berenice (imwielda fl-1977) u Jerome (imwieled 1979) u tul hajjithom kollha, fl-iskola Primarja, Sekondarja, Post-Sekondarja u l-Universita' f Malta u barra minn Malta, u fl-attivatijiet kulturali, dejjem kienu u ghadhom maghrufa bl-istess kunjom. Nghidu ahna, fl-kuncerti li ghamlet binti pjanista professjonali sakemm baqghet Malta dejjem b'dan il-kunjom kienet u ghadha maghrufa. Anke marti b''Mifsud-Chircop' maghrufa u mhux mod iehor.*

*Illi minn meta bdiet tinhareg il-karta tal-identita' u saret dokument legali jien dejjem kont u ghadni rregistrat u miktub 'George Mifsud Chircop'. Dan jghodd ukoll ghall-passaporti kollha li kelli u li ghandi. Dan jghodd ukoll ghar-registru elettorali u li fih imnizzel 'Mifsud Chircop', mhux biss ghalija imma ghal marti u ghal uliedi.*

*Illi sa minn wara l-ewwel gradwazzjoni tieghi (1972) bdejt niehu sehem attivament fil-hajja pubblika u kulturali f'Malta bil-prezentazzjoni ta' programmi edukattivi fuq il-lingwa u l-lingwistika Maltija u fuq il-letteratura, il-folklor u lantropologija Maltija fuq il-mezzi kollha tax-xandir, fil-kitbiet tieghi fuq il-gazzetti, bit-tezijiet, bil-kotba, u fil-konferenzi u d-diskussjonijiet u bil-prezentazzjoni ta' hafna serati kulturali f'bosta nhawi ta' Malta u Ghawdex kemm fuq in-narrattiva orali Maltija daqskemm fuq il-letteratura Maltija. L-istudjuzi tal-Malti u tal-kultura Maltija u l-pubbliku Malti b''Gorg Mifsud Chircop' jafuni u jirreferu ghalija fl-istudji taghhom, u b'hekk jidentifikawni, u mhux b''Gorg Mifsud'.*

*Illi barra minn hekk, hemm awtur iehor tal-Malti, ghalkemm mhux maghruf hafna, li jismu 'George Mifsud'. Wara hidma ta' 'l fuq minn tletin (30) sena f'qasam kulturali, meta kunjomi 'Mifsud-Chircop' kiber mieghi bla*

*heda, ma taghmilx sens ghalija bhala personalita' pubblika li ma nkunx maghruf b'hekk! Dan ukoll jghodd ghal barra minn Malta minhabba s-sehem tieghi bhala konsulent xjentifku ghar-rivisti internazzjonali (Archivio Antropologico u Avidi Lumi) u li jiena meqjus bhala l-awtorita' internazzjonali fuq in-narrattiva Maltija bl-istudji tieghi fuq in-narrattiva Maltija u li huma maghrufin ma' bosta studjuzi barranin l-Ingilterra, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Franza, l-Italja, u l-Germanja.*

*Nixtieq nzid illi l-genituri tieghi kienu nies semplici, trabbew dejjem fl-eghluq tar-rahal Malti u ghalhekk qatt ma setghu joholmu bil-bzonn ghal din il-korrezzjoni minhabba fil-mentalita' tas-socjeta' maghluqa li dejjem ghexu u trabbew fiha, u qatt ma setghu jifhmu l-possibilita` tad-diffikultajiet u tal-problemi socjali u kulturali li jien stajt nghaddi minnhom 'il quddiem. Ghalhek kelli niehu din l-inizzjattiva jien."*

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur, fic-certifikat taz-Zwieg ta' l-attur, fic-certifikat tat-twelid ta' ulied l-attur Berenice u Jerome u dan *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom 'Mifsud Chircop' u mhux 'Mifsud' kif indikat fl-istess certifikati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati u dan jinsab ikkonfermat mic-certifikat tat-twelid tal-istess attur, *stante* li jidher li kunjom xbubit ommu kien Chircop, kif ukoll mid-diversi dokumenti esebiti mal-affidavit tieghu a fol 23 sa 65 tal-process. Illi appart dan kollu jirrizulta mill-affidavit tal-attur George Mifsud li huwa dejjem uza' l-isem ta' Mifsud Chircop minn mindu kien tifel sallum u dan huwa registrat fid-diversi dokumenti tal-hajja civili tieghu li huwa rrefera ghalihom fl-istess xhieda. Dan bhala fatt fl-ebda mod ma gie kkontestat.

Illi skond l-**artikolu 4 (3) tal-Kap 15** jirrizulta li ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom li warajh jistghu izidu

kunjom xbubit ommhom. Illi fil-fatt it-talba attrici hija konsonanti ma dan l-artikolu, u t-talba tieghu sabiex issir il-korrezzjoni mitluba tista' tigi kkonsidrata u fil-fatt hija permessa *ai termini* tal-**artikolu 253 (2) tal-Kap 16** press li jirrizulta li l-istess kunjomijiet indikati mill-attur huma dawk li bihom huwa kien konsistentement imsejjah, u f'dan ir-rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Illi ghar-rigward tal-atturi l-ohra tali korrezzjonjiiet huma b'konsegwenza wkoll tal-fatt li qed tigi milqugha t-talba tal-attur George Mifsud kif premess u dan apparti l-fatt Ii l-istess ulied ta' George Mifsud dejjem kienu maghrufa bl-istess kunjom kif l-istess kienet maghrufa martu mid-data taz-zwieg taghha mieghu. Illi ghalhekk it-talbiet l-ohra ghandhom jigu milqugha wkoll.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tiddikjara li l-kunjom ta' l-attur huwa 'Mifsud Chircop' u mhux 'Mifsud';

(2)Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' l-atturi George Mifsud, Berenice Mifsud u Jerome Mifsud, fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm indikat il-kunjom ta' l-atturi, jizdied il-kunjom 'Chircop' wara l-kunjom 'Mifsud.'

(3) Tordna li ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-att taz-zwieg ta' l-atturi konjugi Mifsud, fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm indikat il-kunjom ta' l-atturi, jizdied il-kunjom 'Chircop' wara l-kunjom 'Mifsud'.

(4)Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti pubblici fejn jidher kunjom ta' l-attur fis-sens illi kull fejn il-

kunjom ta’ l-attur huwa ndikat bhala ‘Mifsud’, jizdied il-kunjom ‘Chircop’.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------